

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 201



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

8 ta' Awwissu 2018

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ Informazzjoni dwar id-data tal-iffirmar tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosta tal-Avorju 1

DEĊIŻJONIJIET

- ★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1103 tas-7 ta' Awwissu 2018 li tikkonferma l-parteċi-pazzjoni ta' Malta fil-kooperazzjoni msaħħa għat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew 2

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ Deċiżjoni Nru 2/JP/2018 tas-17 ta' Lulju 2018 tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Ġappun [2018/1104] 4

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Informazzjoni dwar id-data tal-iffirmar tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosta tal-Avorju

Il-Protokoll ⁽¹⁾ dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju ġie ffirmat fl-1 ta' Awwissu 2018.

Il-Protokoll japplika proviżorjament mill-1 ta' Awwissu 2018, data tal-iffirmar, f'konformità mal-Artikolu 13 tiegħu.

⁽¹⁾ ĠUL 194, 31.7.2018, p. 3.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1103

tas-7 ta' Awwissu 2018

li tikkonferma l-parteċipazzjoni ta' Malta fil-kooperazzjoni msaħħa għat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 328(1) u 331(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat in-notifika minn Malta bl-intenzjoni tagħha li tipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa għat-twaqqif tal-UPPE permezz tal-ittra ddatata l-14 ta' Ġunju 2018,

Billi:

- (1) Fit-3 ta' April 2017 il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja nnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li xtaqu jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa rigward l-istabbiliment tal-UPPE. Barra minn hekk, permezz tal-ittri ddatati d-19 ta' April 2017, l-1 ta' Ġunju 2017, id-9 ta' Ġunju 2017 u t-22 ta' Ġunju 2017 rispettivament, il-Latvja, l-Estonja, l-Awstrija u l-Italja indikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' din il-kooperazzjoni msaħħa.
- (2) Fit-3 ta' April 2017, l-awtorizzazzjoni biex titkompla l-kooperazzjoni msaħħa msemmija fl-Artikolu 20(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-Artikolu 329(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) tqieset li ngħatat skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 86(1) TFUE.
- (3) Fit-12 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa għat-twaqqif tal-UPPE.
- (4) Fl-20 ta' Novembru 2017, ir-Regolament (UE) 2017/1939 daħal fis-seħħ. L-UPPE għandu jassumi l-kompiti tiegħu ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni f'data li trid tiġi determinata permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq proposta tal-Kap Prosekutur Ewropew ladarba jitwaqqaf l-UPPE, li ma tistax tkun aktar kmieni minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (5) Fl-14 ta' Mejju 2018, in-Netherlands innotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa għat-twaqqif tal-UPPE.
- (6) Fl-14 ta' Ġunju 2018, Malta nnotifikat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa għat-twaqqif tal-UPPE.
- (7) Ir-Regolament (UE) 2017/1939 ma jippreskrivi l-ebda kundizzjoni partikolari ta' parteċipazzjoni fil-kooperazzjoni msaħħa għat-twaqqif tal-UPPE.
- (8) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 120(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE jeżerċita l-kompetenza tiegħu fir-rigward ta' kull reat taħt il-kompetenza tiegħu li jseħħ wara d-data li fiha r-Regolament (UE) 2017/1939 jkun daħal fis-seħħ. Għar-reati msemmijin fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) 2017/1939 li għadhom ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-UPPE minn mindu daħal inizjalment fis-seħħ dan ir-Regolament, l-UPPE jenhtiegħ għaldaqstant li jeżerċita l-kompetenzi tiegħu fir-rigward tat-territorju jew taċ-ċittadini Maltin, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'Malta,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-parteċipazzjoni ta' Malta fil-kooperazzjoni msaħħa għat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew hija kkonfermata.

⁽¹⁾ ĠUL 283, 31.10.2017, p. 1.

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) 2017/1939 għandu jidħol fis-seħħ f'Malta fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 2/JP/2018

tas-17 ta' Lulju 2018

tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Ġappun [2018/1104]

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Ġappun, (minn issa 'l quddiem "il-Ftehim") u b'mod partikolari l-paragrafu 3 tal-Artikolu 8 tiegħu;

Billi l-Kumitat Konġunt għandu jikkonferma li l-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott operazzjonali tal-Anness Settorjali dwar il-Prassi Tajba ta' Manifattura għal Prodotti Mediċinali (minn hawn 'il quddiem "l-Anness Settorjali"), stabbilit mis-Sottokumitat taħt l-Anness Settorjali fis-6 Laqgħa tiegħu;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-kamp ta' applikazzjoni operazzjonali l-ġdid tal-kategoriji ta' prodotti mediċinali soġġetti għall-Anness Settorjali ta' dan il-Ftehim, magħmul fi Brussell fl-4 ta' April 2001 issa jinkludi l-kategoriji li ġejjin:
 - (1) Prodotti farmaċewtiċi kimiċi;
 - (2) Prodotti mediċinali omeopatiċi (sakemm jiġu ttrattati bħala prodotti mediċinali u jkunu soġġetti għar-reqwiziti tal-PTM fil-Ġappun);
 - (3) Vitamini, minerali u l-mediċini veġetali (jekk jitqiesu bħala prodotti mediċinali miż-żewġ Partijiet);
 - (4) Farmaċewtiċi bioloġiċi ⁽¹⁾, inklużi l-immunoloġiċi u t-tilqim, li jappartjenu għall-kategoriji li ġejjin:
 - (4.1) Prodotti mediċinali prodotti mill-koltura taċ-ċelloli bl-użu ta' mikroorganiżmi naturali jew linji ta' ċelloli stabbiliti;
 - (4.2) Prodotti mediċinali prodotti mill-koltura taċ-ċelloli bl-użu ta' mikroorganiżmi rikombinanti jew linji ta' ċelloli stabbiliti; kif ukoll;
 - (4.3) Prodotti mediċinali ġejjin minn pjanti mhux transġeniċi u minn annimali mhux transġeniċi;
 - (5) Ingredjenti farmaċewtiċi attivi (APIs) għal xi waħda mill-kategoriji ta' hawn fuq; kif ukoll;
 - (6) Prodotti sterili li jappartjenu lil xi waħda minn dawn il-kategoriji ta' hawn fuq.
2. Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata mill-kopresidenti. Id-Deċiżjoni għandha tkun effettiva minn dak inhar li ssir l-aħħar waħda minn dawn il-firni.

Iffirmata f'Tokyo, is-17 ta' Lulju 2018.

F'isem il-Ġappun

Daisuke OKABE

Iffirmata fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2018.

F'isem il-Komunità Ewropea

Ignacio IRUARRIZAGA

⁽¹⁾ Għall-fini tal-Anness Settorjali dwar il-PTM, il-prodotti farmaċewtiċi bioloġiċi jinkludu l-prodotti li mhumiex neċessarjament ikklassifikati mill-Ministeru tas-Saħħa, tax-Xogħol u tas-Servizzi Soċjali bħala "prodotti bioloġiċi" f'konformità mal-liġijiet u mar-regoli tal-Ġappun iżda li jkunu kkunsidrati bħala prodotti bioloġiċi fl-UE.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT